MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 314/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**Reuben D'Amato**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Reuben D'Amato ta' 25 sena, iben Batholomew u Emanuela nee Mallia,imwieeld tal-Pieta' fit-22 ta' Ġunju 1983 u joqgħod 'Carmel House' Triq Giorgio Mitrovic, Imsida, detentur tal-karta tal-identita' numrfu 342883(M)

1) Akkużat talli fit-3 ta' Marzu 2009 għall-ħabta tal-10.30 am fl-Imsida, b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta' CD stereo JVC mill-vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru tar-reġistrazzjoni ADR-089, liema valur ta' dan l-oġġett jeċċedi tlieta u għoxrin (23)

Ewro iżda ma jeċċedix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro (232) flimkien ma' portafoll li jiswa teltin (30) Ewro li ien fih 25 (ħamsa u għoxrin) Ewro, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment tas-Sur Adrian Farrugia;

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq il-vettura ADR – 089 u fuq accessorji taghha ghad-detriment tas-Sur Adrian Farrugia, liema hsara teccedi it-23.29 Euro izda ma teccedix il-232.94 Euro u iktar.

3) Talli fis-6 ta' Marzu, 2009 għall-ħabta tal-10.30am fl-Imsida, b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda kkometta serq ta' Ipod mill-vettura ta' l-ghamla VW Polo bin-numru tar-registrazzjoni HRD 001 liema valur ta' dan l-oggett jeccedi il-23.29 Euro izda ma jeccedix 2329.37 Euro, flimkien ma CD stereo ta' l-ghamla Pioneer, liema valur ta' dan l-oggett jeccedi il-23.29 Euro izda ma jeccedix il-232.94 Euro, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment tas-Sur Gerald Gilford;

4) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirksotanzi, cioe' fis-6 ta' Marzu 2009, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli meta għamel ħsara fqu vettura HDR -001, u fqu aċċessorji tagħha għad-detriment tas-Sur Gerald Gilford, liema ħsara teċċesi t-23.29 Ewro iżda ma teċċedix il-232.94 Ewro;

5) U aktar talli fis- 6 ta' Marzu, 2009 u fil-jiem ta' qabel xjentement laa' gahndu jew xtara hwejejg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

6) U aktar talli ksier il-p;rovvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 28 ta' Lulju 2008 fejn kien instab ħati ta' reat u kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma

jagħmel ebda reat ieħor li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin minn dik id-data.[1]

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedian penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 3428/1983, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3, 4 u d-dikjarazzjoni li saret mill-Prosekuzzjoni fejn qalet li l-imputazzjoni numru 5 hija alternattiva għall-imputazzjonijiet dwar serq kif ukoll li l-imputazzjoni numru 6 kienet qed tiġi rtirata minħabba li kienet itteiħdet deċiżjoni dwarha fl-1 ta' Ġunju 2009 mill-Maġistrat Dr.Doreen Clarke. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat ukoll li l-affarijiet kollha ngħataw lura lid-derubati.

Rat ukoll il-current incident report (fol 10), l-istqarrija tal-imputat a fol 14, ir-return notre u s-seizure note a fol 16 u 17, is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Edwina Grima fit-28 ta' Lulju 2008, ir-riċevuta tal-VAT maħruġa minn Nicolai Grech u dd-okuemnti ppreżentati fl-Awla mill-Avukat Difensur Dr Leslie Cuschieri li jikkonfermaw li saru ħlasijiet lil Matthew Azzopardi u Adrian Farrugia.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3, u 4, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Dar il-ħames imputazzjoni, din hija alternattiva għall-imputazzjonijiet dwar is-serq.

[1] Filfatt, mill-fedina penali jidher li din kienet ordni ta' probation.

Is-sitt imputazzjoni kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 261(b)(g), 263, 271(g), 278(2), 325(1)(b), u 334(a) tal-Kap 9 u l-artikolu 7 tal-Kap 446 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imptuazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda u r-raba' imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni. Mhix qed tieħu konjizzjoni tal-ħames imprujzzjoni għax din hija biss alternattiva u gaħll-ewwel u t-tielet imputazzjoni. Mhix qed tieħu konjizzjoni wkoll tal-aħħar imputazzjoni stante li din kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni. Dwar il-piena l-Qorti qed tqis dan li ġej: l-imputat għamel ammissjoni bikrija, li dak li nsteraq ntradd lura lid-derubati mill-imputat u x-xhieda tar-rappreżentanta tal-Caritas u tal-Probation Officer dwar l-imputat juru li l-imputat qed jipprova jaqbd it-triq it-tajba. Minħabba dawn iċ-ċirkustanzi meqjusa kollha flimkien, il-Qorti, flok qed tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jgħamel ebda reat fi żmien tliet snin mil-lum. Ilp-Qorti spjegat lill-imputa l-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------